**18 ta' Ottubru, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**
**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Maria Rosa Muscat Baldacchino

*versus*

Edward Vincenti Kind nomine

**Azzjoni Redibitorja — Minn meta jiddekorri t-terminu.**

*Il-kliem tat-tieni subartikolu tal-art. 1481 tal-Kodiċi Ċivili, indikanti id-"dies a quo" tad-dekorrenza tat-terminu ta' xahar stabbilit mil-liġi, ċioe il-kliem "minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef id-difett" għandhom ikunu interpretati fissens li d-"dies scientiae" ma hux dak li fih tiġi notata jew riskontrata rregolarita fil-funzjonijiet tal-attrezz mibjugħ, imma hu inveċe dak li fih jiġi definitivament aċċertat id-difett.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li biha l-attriċi — wara li ppremettit li hija xtrat mingħand il-konvenut **washing machine** "Sauter" bil-prezz ta' wieħed u sittin lira (£61) — u li din il-**washing machine** hi talment difettuża li ma tista' qatt tinqeda biha mingħajr l-intervent ta' persuna teknika, li sallum ma rnexxiliex tirranġaha, — u li dan id-difett huwa sostanzjali u qiegħed jirrendi l-magna inadatta għal użu li għalih ġiet mixtrija — Talbet li tiġi *riżoluta* l-imsemmija vendita, u li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas u jirrestitwixxi

lilha l-prezz ta' wieħed u sittin lira (£61) ġa minnha imħallas, ammenokke hu ma jippreferixxix jissostitwixxi l-istess washing machine ma waħda ġdida li tkun taħdem effikaċement. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju, 1961;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta li l-ozzjoni kif proposta hija nsostenibili, għaliex il-bejgħ sar taħt garanzija li għada ma skaditx, u għalhekk l-attriċi qatt ma tista titlob ir-risoluzzjoni tal-vendita, — subordinatament, li l-washing machine ma hijiex difettuża.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri, li biha l-konvenut issottometta li l-azzjoni ma saritx fit-terminu stabbilit fl-art. 1481 (1) tal-Kodiċi Ċivili.

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-25 ta' April, 1963, biha ġiet akkolta din l-aħħar eċċezzjoni u in konsegwenza ġiet miċħuda t-talba — bl-ispejjeż. Dik il-Qorti kkunsidrat:

Omissis . . . . . . . . .

Rat fil-fol. 38 in-nota tal-appell tal-attriċi, u fil-fol. 39 il-petizzjoni tagħha, li biha talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata billi tiġi miċħuda l-eċċezzjoni tal-konvenut nomine, li biha dan issottometta li l-azzjoni ma saritx fit-terminu stabbilit mil-liġi, u billi, għalhekk, tiġi milqugħa t-talba tagħha — bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellat.

Rat fil-fol. 59 ir-risposta tal-konvenut appellat, li fiha qal li s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellanti.

**Trattat l-appell.**

**Ikkunsidrat;**

Fil-fehma ta' din il-Qorti, għal kas preżenti ma hux applikabili l-ewwel subartikolu tal-art. 1481 tal-Kodiċi Ċivili, kif jingħad fl-eċċezzjoni in kwistjoni, fol. 8, imma it-tieni subartikolu, għaliex hu ovvju li żgur li l-attriċi ma setgħatx tiskopri id-difett okkult fil-ġurnata tal-konsenja tal-washing machine.

Inoltri, din il-Qorti hi ta' opinjoni li l-kliem tat-tieni subartikolu fuq imsemmi, indikanti id-dies a quo tad-dekorrenza tat-terminu ta' xahar stabbilit mil-liġi, ċioe il-kliem "minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef id-difett", għandhom ikunu nterpretati fis-sens li d-dies scientiae ma hux dak li fih tiġi notata jew riskontrata rregolarita fil-funzjonament imma huwa dak li fieh jiġi aċċertat id-difett. Dan hu partikolarment il-każ fil-biegħ ta' konġenji jew apparati ta' struttura delikata u teknikament komplikata, bħal ma huma washing machines, refrigerators, etc, li llum il-ġurnata saru ta' użu domestiku komuni. Ma hux loġiku li wieħed jirritjeni li, malli x-xerrej jirriskontra xi rregolarita fil-funzjonament, jikkonkludi li din l-irregolarita hi difett, li qed jirrendi l-apparat minnu mixtri mhux tajjeb għal użu maħsub, u li fil-pront jistitwixxi l-azzjoni, imma jidher aktar loġiku li jingħad li, f'kas simili, stante l-possibilita *li si tratta, mhux ta' veru difett, imma ta sempliċi* rregolarita faċilment riparabili, ix-xerrej jirrikorri lill-bejjiegħ,biex dan sija pure taħt il-garanzija li soltu tiġi rilaxxata ma' bejgħa ta' attrizzi simili, jipprovdi għar-riparazzjoni.

Ikkunsidrat:

Hekk ġara preċisament fil-każ in ispeċje. L-attriċi nnotat irregolarita, u avżat lil konvenut nomine, — dan bagħat il-mechanic tiegħu, li wara li għamel dak li deherlu meħtieġ, qal lil attriċi li issa kien kollox għar-regola. Dan l-andirivieni baqa jirripeti ruħu diversi drabi, kif jidher mix-xhieda, mhux kontrastata, tal-attriċi fol. 10, — kull darba il-mechanic jakkorri, kull darba jagħmel tiswija, kull darba jgħid lill-attriċi li issa kien kollox sewwa, u kull darba l-irregolarita fil-funzjonament terġa titfaċċa. B'dan il-mod, l-attriċi, sa ċertu żmien, kienet ġustifikata taħseb li si trattava ta' mankament riparabili li ma kienx għalhekk jirrendi l-washing machine definitivament mhux adatta għal usu maħsub. Fit-3 ta' Mejju, 1961, pero, l-attriċi interpellat lil konvenut uffiċjalment biex dana jieħu lura l-magna u jirrestitwixxi l-prezz jekk ma riedx jatiha waħda ġdida, u hu ġust li jiġi ritenut li kien f'dik id-data li l-attriċi, in vista tal-atteġġament tal-konvenut nomine, li lanqas in risposta għal din l-interpellanzzjoni ma bagħat aktar il-mechanic tiegħu biex jipprova jirremedja għal mankament setgħat taċċerta, u aċċertat li kien il-kas ta' difett, li kien qed jirendi, fil-fehma tagħha, inservibili dik il-washing machine, u l-azzjoni ġiet intentata tempestivament fit-tnax (12) ta' Mejju, 1961.

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċidi billi tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija, u tiċħad l-eċċezzjoni tad-dekadenza sollevata mill-konvenut nomine bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi relativi għal din id-deċiżjoni kontra tiegħu;

U, peress li, kwantu għal meritu, hu deżiderabili li jkun hemm l-opportunita tad-doppju eżami, u peress li, kif ġie deċiż (Collez. Vol. p. 59; App. Sup. Gerada vs. Dr. Caruana, 25 April, 1958 (deċiż in parte) u App. Inf. Spiteri vs.

Gaffarena, 15, Settembru, 1962.) l-każijiet ta' rinviju, im-semmijin fl-art. 231 Kod. Proċ. Ċiv., ma humiex tassativi, — għalhekk tordna li l-proċess jiġi rinvjat lill-ewwel Onorabbli Qorti għat-trattazzjoni ulterjuri.